# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' April, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 203/11/1 FDP**

**Roberta Cassar f'isimha proprju u kif ukoll bħala leġittima rappreżentanti ta' bintha minuri Hayley Cassar; u b'digriet tat-30 ta' Novembru, 2023, Hayley Cassar assumiet l-atti f'isimha flimkien ma' Roberta Cassar minħabba li ma baqgħetx minuri**

**v.**

**Polidano Brothers Limited (C-8884)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija konvenuta Polidano Brothers Limited kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-21 ta' Novembru, 2019, fejn din: (i) sabitha responsabbli

għall-inċident li seħħ fil-barriera magħrufa bħala "Tal-Qawwi", li tinsab fi Triq Lapsi, is-Siġġiewi, fit-8 ta' April, 2009, f'liema inċident korra Louis Cassar u ġarrab ġrieħi li wasslu għall-mewt tiegħu fil-25 ta' April, 2009; (ii) ikkundannatha sabiex tħallas lill-atturi, bħala werrieta ta' Louis Cassar, kumpens fl-ammont globali ta' €591,360 biex dan jagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minnhom minħabba dan l-inċident; u (iii) ordnatilha biex tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-28 ta' Frar, 2011 l-atturi fissru li huma l-uniċi werrieta ta' Louis Cassar, li miet fil-25 ta' April, 2009. Spjegaw li fit-8 ta' April, 2009, waqt li Louis Cassar kien qiegħed jaħdem fil-barriera magħrufa bħala "Tal-Qawwi", li tinsab fi Triq Lapsi, is-Siġġiewi, kif imqabbad mill-kumpanija konvenuta, huwa waqa' mill-għoli u spiċċa biex ġarrab ġrieħi serji li wasslu għall-mewt tiegħu fil-25 ta' April, 2009.

3. L-atturi saħqu li l-kumpanija konvenuta hija responsabbli għal dan l-inċident minħabba nuqqas ta' attenzjoni, għaqal u ħsieb, u kif ukoll minħabba li hija ma provdietx ambjent ta' xogħol ħieles mill-periklu lil Louis Cassar, u dan bi ksur tar-regolamenti applikabbli f'dan ir-rigward. Tennew ukoll li għalkemm huma sejħu lill-kumpanija konvenuta biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li huma ġarrbu minħabba

dan l-inċident, din baqgħet ma għamlet xejn. Għalhekk, huma fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi s-soċjetà intimata hi responsabbli għall-inċident li fih korra Louis Cassar fit-8 t'April 2009 li seħħ fil-barriera magħrufa bħala "Tal-Qawwi" siat [sic] fi Triq Lapsi, Siġġiewi fejn sussegwentement issokkomba għall-ġrieħi sofferti u miet fil-25 ta' April 2009 b'konsegwenza tal-istess korriment, u dan għar-raġunijiet fuq premessi.*
>
> *2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba dan l-inċident u l-mewt konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*
>
> *3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata biex tħallas lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Mejju 2010, debitament notifikata, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ppreżentat kontestwalment, kontra s-soċjetà intimata li hi inġunta għas-subizzjoni.»*

4. Polidano Brothers Limited ressqet risposta maħlufa fit-8 ta' April, 2019 u fiha qalet hekk:

> *«1. Illi t-talbiet rikorrenti inkwantu diretti kontra l-kumpanija eċċipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-kumpanija konvenuta m'għandhiex tort għall-inċident inkwistjoni u mhijiex responsabbli għall-istess inċident u l-konsegwenzjali danni kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*
>
> *2. Salv eċċezzjonijiet oħra.»*

5. B'sentenza mogħtija fil-21 ta' Novembru, 2019, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi billi, fl-ewwel lok, sabet li l-kumpanija konvenuta taħti għall-inċident li seħħ fit-8 ta' April, 2019, li minħabba fih weġġa' gravi u aktar tard miet Louis Cassar, u fit-tieni lok, ordnat lill-kumpanija konvenuta biex tħallas lill-atturi s-somma ta' €591,360 bħala kumpens għad-danni mġarrba, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sa dakinhar

li jsir il-ħlas u bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Mejju, 2010 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li tressaq flimkien mal-kawża.

6. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«Responsabbiltà*

*30. Ikkunsidrati d-dinamika tal-każ kif fuq spjegati, l-ewwel kweżit illi dina l-Qorti trid tikkunsidra hija dwar min huwa responsabbli għall-inċident illi wassal għall-mewt tar-raġel tar-rikorrenti, ossia Louis Cassar, fl-età ta' tnejn u tletin sena (32).*

*31. Ir-rikorrenti tikkontendi illi s-soċjetà intimata hija responsabbli filwaqt illi s-soċjetà intimata tiċħad tali responsabbiltà u titfa' r-responsabbiltà tal-inċident fuq Louis Cassar.*

*32. Dwar l-operat ta' Louis Cassar, jirriżulta illi l-ħaddiema li kienu miegħu dakinhar tal-inċident kellhom biss kliem ta' tifħir fil-konfront tiegħu. Joe Camilleri, di fatti, jgħid illi "Louis kien bniedem bil-għaqal, qisu t-tifel tiegħi. Ma kien xejn traskurat fuq ix-xogħol tiegħu." Joseph Aquilina, jikkonferma dan, meta jgħid, "Louis kien bil-għaqal ħafna u attent ħafna fuq xogħlu. Kien ukoll kapaċi biex jaħdem."*

*33. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjetà intimata, biex tipprova tiskolpa ruħha minn responsabbiltà tal-inċident, ippruvat tallega illi Louis Cassar kien attwalment ipprova jikkommetti suwiċidju. Di fatti, Paul Polidano, direttur tas-soċjetà intimata, fl-affidavit tiegħu, jgħid, "ġimgħat qabel l-inċident, hu kien tkellem miegħi u anki ma' sħabu li jaħdmu fl-istess barriera, li kellu problemi familjari. Infatti, ġieli kien jidher imfixkel fuq ix-xogħol."*

*34. Jirriżulta wkoll illi s-soċjetà intimata pproduċiet ukoll affidavit ta' Aron Camilleri, iben il-foreman Joe Camilleri, illi kien ma' Louis Cassar dakinhar li miet u li kien ipparkja l-Hymac fix-xifer tal-barriera, li minnha wara waqa' Cassar, liema xhud, filwaqt li stqarr li ma jaf xejn dwar l-inċident għax ma kienx hemm, stqarr illi kien qed jara lil Cassar imfixkel. L-istess Aron Camilleri jgħid, "kont ninduna li Louis ma kienx f'sikktu" u li, "ġieli kont naqsam dan il-ħsieb ma' missieri, ċjoè Joseph Camilleri, u kien jgħidli illi Louis kemm-il darba qallu illi mhux problemi finanzjarji biss kellu iżda problemi oħra ma' martu fis-sens illi l-mara tiegħu kienet toħroġ f'nofs il-lejl" - ħasra illi missieru ma kkonferma xejn minn dan!*

*35. Jirriżulta, di fatti, illi Joseph Camilleri, fix-xhieda estensiva tiegħu aktar minn sentejn qabel ma ġie redatt dana l-affidavit, ma semma assolutament xejn minn dan li allega Aron Camilleri, u anzi, mistoqsi dwar Louis Cassar, huwa qal, "la qabel l-inċident, la meta waqa' u lanqas wara fl-isptar, Louis qatt ma semmieli li ried jagħmel suwiċidju." Il-Qorti tifhem illi kieku kien vera dak li qal Aron Camilleri, ċertament missieru kien jgħidha fix-xhieda tiegħu – il-fatt illi dana ma sarx hija indikazzjoni ċara li x-xhieda ta' Aron Camilleri ma hija xejn attendibbli, jekk mhux intiża sabiex tiżvija lil dina l-Qorti.*

*36. Jirriżulta wkoll illi Joseph Aquilina, illi ddeskriva r-relazzjoni tiegħu ma' Louis Cassar bħala "konna ħbieb", lanqas ma jikkonferma dina t-teżi vvintata mis-soċjetà intimata, tant illi mistoqsi jgħid, "qabel ġara l-inċident, dakinhar tal-inċident u wara l-inċident Louis qatt ma qalli li ried jaqbeż b'suwiċidju. Lanqas qatt semmieli li kellu xi problemi li kienu qed jinkwetawh u li ried ineħħi ħajtu b'idejh."*

*37. Jirriżulta, għalhekk, illi t-teżi ta' suwiċidju ttentata mis-soċjetà intimata kienet biss invenzjoni intiża sabiex tiżvija l-provi fil-kawża odjerna u titfa' dell ikrah fuq l-istess Louis Cassar bit-tama illi r-responsabbiltà tas-soċjetà intimata tiġi evitata – il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali allegazzjonijiet huma tal-mistħija u kundannabbli, li qatt ma messhom saru, u l-Qorti tqis tali nuqqas bħala wieħed serju.*

*38. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Perit Tekniku mqabbad fl-Inkjesta Maġisterjali li investiga tali inċident, ossia l-Perit Dr Robert Musumeci, kellu dan xi jgħid dwar ix-xhieda minnu miġbura:*

> *«Mix-xhieda rriżulta li kien hemm ċertu Jeffrey Desira li kien impjegat ma' Polidano Brothers fuq bażi 'part-time' bħala 'health and safety engineer'. Osservajt li kien hemm nuqqasijiet fl-osservanza tal-Avviż Legali 281/04 fis-sens illi dan l-Avviż jipprovdi li għandu jinħatar 'supervisor' li għandu jikkoordina l-eżekuzzjoni tal-prinċipji ġenerali tas-saħħa u s-sigurtà.*
>
> *Jeffrey Desira kien avviċinat xi erba' snin qabel minn Polidano biex iservi bħala 'health and safety officer' u kien f'Diċembru 2007 l-aħħar darba li dan Desira kien mar fil-barriera fil-kwistjoni. Desira kien xehed ukoll illi l-operat ma kienx mija fil-mija konformi mar-'risk assessment' u fir-rigward Desira kien qal ukoll li kien hemm xi punti li ma ġewx attwati.»*

*39. Jirriżulta illi tali konstatazzjonijet huma konfortati wkoll bix-xhieda tal-ħaddiema illi kienu ma' Louis Cassar dakinhar illi seħħ l-inċident.*

*40. Jirriżulta, di fatti, illi Joe Camilleri stqarr li, "fejn konna jiena u Louis il-proċedura hi li ma nilbsux helmet. L-imgħallem ma kienx jgħidilna biex nilbsu l-helmet fejn konna qed naħdmu aħna. L-Imgħallem qatt ma bgħatna kors fuq safety."*

*41. Jirriżulta illi l-istess kellu xi jgħid Joseph Aquilina, meta qal, "Lilna*

*qatt ma tawna korsijiet dwar il-mod kif naħdmu fil-barriera. Inti trid toqgħod attent u qatt ħadd ma ġie xi ħadd jgħidli tagħmilx hekk. Jekk jiġi l-imgħallem u jgħidli biex nagħmel xi ħaġa li tkun ta' perikolu jiena ma nagħmilhiex. Il-mod kif jinħadem ix-xogħol isir billi Pawlu Polidano iċempel lill-foreman filgħodu, jgħidlu x-xogħol irid isir u nibdew naħdmu. Fuq ix-xogħol m'hemmx persuna inkarigata dwar ir-riskju fuq il-post tax-xogħol."*

*42. Jirriżulta, naturalment, illi l-Perit Robert Musumeci, fix-xhieda tiegħu, jikkontendi illi, "mhemmx nexus bejn dawn in-nuqqasijiet li semmejt dwar l-ottemperanza o meno mal-Avviż Legali u l-inċident fil-kwistjoni u dan għar-raġunijiet li hemm dettaljati fl-inkjesta" – madanakollu, dina l-Qorti ma taqbel xejn ma' tali assersjonijet, u hija moralment konvinta illi s-soċjetà intimata hija unikament responsabbli għal tali inċident li ġab fit-tmiem ħajjet persuna ta' tnejn u tletin sena li kien għadu fl-aħjar tiegħu.*

*43. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża* ***Philip Vassallo v. Malta Freeport Terminals*** *deċiża fil-21 ta' Marzu 2016 per Imħallef Lawrence Mintoff u mhux appellata:*

> *«... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.*
>
> *Skont l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*
>
> *Ir-regola ġenerali in tema extrakuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (artikolu 1032).*
>
> *Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-bonus paterfamilias għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.*
>
> *Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:*

> *«The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in Donoghue vs Stevenson (1932 A.C. 562). In Davie vs New Merton Board Mills Ltd., (1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' – Charlesworth & Percy on Negligence (Ninth Edition, 1997).»*

*Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ppubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ 'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.*

*Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).*

*Illi l-Artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu mfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:*

*i. Li jiġi evitat riskju;*

*ii. L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*iii. L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*iv. Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*v. Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;*

*vi. Billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*vii. Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*viii. Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

> *ix. Billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.»*

*44. Jidher ċar, mill-provi prodotti illi s-soċjetà intimata naqset milli timplimenta l-miżuri fuq imsemmija u, sabiex tiġġustifika tali nuqqas, ivvintat storja illi Louis Cassar ried jikkommetti suwiċidju għax kellu problemi finanzjarji u familjari – storja falza intiża unikament biex tikkreja paraventu biex taħbi n-nuqqasijiet tagħha.*

*45. Għaldaqstant, il-Qorti hija kemm moralment kif ukoll fattwalment konvinta illi s-soċjetà intimata hija unikament responsabbli għall-inċident illi wassal għall-mewt ta' Louis Cassar, raġel tar-rikorrenti Roberta Cassar, u missier Hayley Cassar, dak iż-żmien tal-età tenera ta' seba' snin.*

*Lucrum Cessans*

*46. Jirriżulta, mis-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partjiet, illi filwaqt li damnum emergens ma humiex qed jiġu pretiżi, hija l-lucrum cessans illi r-rikorrenti qiegħda titlob għaliha u għat-tifla tagħha.*

*47. Jirriżulta illi, kif intqal fis-sentenza **Emmeline Cini v. Antoine Cachia** l-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li sofra l-persuna li sofra t-telf. Tali kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant iżda hija regolata minn ċerti prinċipji, għalkemm mhux assoluti.*

*…*

*• Entità tad-dhul*

*49. Jirriżulta illi r-rikorrenti tikkontendi illi r-raġel tagħha kien jipperċepixxi madwar tmintax-il elf u ħames mitt Euro (€18,500) fis-sena.*

*50. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjetà intimata, da parti tagħha, tikkontendi illi Louis Cassar kien attwalment jipperċepixxi ferm anqas, u għal dan il-għan ippreżentat l-FS3 għas-snin 2007, 2008 u dik il-parti ta' 2009 sakemm miet Louis Cassar fil-25 ta' April 2009.*

*51. Jirriżulta illi skont dawn l-FS3s hekk ippreżentati, fis-sena 2007 Louis Cassar ipperċepixxa Lm3,457.52, fis-sena 2008 huwa pperċepixxa €8,234.80 u fis-sena 2009, sakemm miet, ipperċepixxa €2,674.24.*

*52. Jirriżulta, madanakollu, illi r-rikorrenti esibiet ukoll payslips li kienu jinkorporaw ċekkijiet maħruġa mill-istess soċjetà intimata, li juru li*

*attwalment is-soċjetà intimata kienet regolarment toħroġ żewġ ċekkijiet lil Louis Cassar – ċekk wieħed kien ikollu t-taxxa imnaqqsa u ċekk ieħor ma kien ikollu ebda tnaqqis.*

*53. Jirriżulta, di fatti, illi għall-perjodu 1 ta' Dicembru 2008 sa 14 ta' Dicembru 2008, lil Louis Cassar, reġistrat bħala Nru 11119, inħariġlu ċekk nru. 128395 fl-ammont ta' €402.4425, wara li tnaqqsulu €29.70 f'kontribuzzjonjiet kif ukoll iħariġlu ċekk ieħor nru. 133856 fl-ammont ta' €394.1426, li minnhom ma sar ebda tnaqqis.*

*54. Jirriżulta illi l-import taċ-ċekk nru 128395, li minnhom kien sar it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni soċjali, huwa rifless fl-FS3 tas-sena 2008, peress illi l-'gross emoluments' fl-FS3 tas-sena 2008 jagħtu ammont ta' €8,234 filwaqt illi l-ammont gross indikat fil-payslip sal-14 ta' Dicembru 2008 kien ta' €7,937.76 – diskrepanza ta' madwar €300 indikattiva għax-xogħol fil-ġimagħtejn tal-aħħar ta' 2008 tenut kont tal-perjodu festiv.*

*55. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi għall-istess perjodu bejn l-1 ta' Diċembru 2008 sal-14 ta' Diċembru 2008, lil Louis Cassar bl-istess Numru ta' Reġistrazzjoni, ossia 11119, inħariġlu ċekk ieħor, iċ-ċekk nru. 133856, fl-ammont ta' €394.14. liema ċekk ma jidhirx reġistrat mis-soċjetà intimata fil-kotba tagħha.*

*56. Jirriżulta wkoll illi, sal-14 ta' Diċembru 2008, pagamenti addizzjonali magħmula lil Louis Cassar uffiċjalment mis-soċjetà intimata kif fuq spjegat iżda minnha mhux iddikjarati għas-sena 2008 kienu jammontaw għal €9,103.92.*

*57. Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak ritenut mis-soċjetà intimata, fis-sena 2008, l-introjtu ta' Louis Cassar mingħand is-soċjetà intimata kien ta' €8,234.80 kif dikjarat mis-soċjetà intimata fl-FS3 minnha redatt flimkien ma' introjtu ieħor ta' mhux anqas minn €9,103.92 sal-14 ta' Diċembru 2008, jiġifieri total ta' mhux anqas minn €17,338.72.*

*58. Jirriżulta illi s-soċjetà intimata, tramite r-rappreżentant tagħha Paul Polidano, tikkontendi illi ma kinitx taf b'din is-sistema ta' ħlasijiet. Il-Qorti, f'dana l-istadju, ma hijiex ser tidħol fil-legalità o meno ta' dina s-sistema ta' ħlasijiet adoperata mis-soċjetà intimata stante illi dana ma huwiex il-mertu tal-kawża odjerna, iżda ma għandha assolutament ebda dubju illi ż-żewġ pagamenti maħruġa kontestwalment kienu t-tnejn maħruġa dejjem mis-soċjetà intimata – waħda fuq letterhead bl-isem 'Polidano Group' u oħra fuq letterhead IDENTIKA iżda mingħajr il-kliem 'Polidano Group' fuq.*

*59. Il-Qorti tosserva illi tkun qiegħda tikkomparteċipa f'inġustizzja fil-konfront ta' Louis Cassar u l-eredi tiegħu, ir-rikorrenti, kieku dina l-Qorti kellha tiskarta d-dħul mhux reġistrat mis-soċjetà initmata fl-FS3 ta' Louis Cassar u tistrieħ biss fuq il-paga ddikjarata mis-soċjetà intimata, liema fatt kien jippremja l-azzjoni tas-soċjetà intimata li ma tiddikkjarax*

*il-paga kollha tal-impjegati tagħha, għal raġunijiet ċertament mhux leċiti – huwa għalhekk illi din il-Qorrti ser tqis illi ż-żewġ pagamenti jridu jiġu komputati flimkien bħala l-introjtu ta' Louis Cassar.*

*60. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi għalkemm ir-rikorrenti tikkontendi illi r-raġel tagħha Louis Cassar kien jipperċepixxi €18,500, li huwa ċert huwa li sal-14 ta' Diċembru 2008, ir-raġel tagħha kien ipperċepixxa €17,338.72.*

*61. Il-Qorti, f'dana l-istadju, tosserva illi, tenut kont illi jidher li fl-ewwel ġimagħtejn tax-xahar ta' Diċembru, Louis Cassar ipperċepixxa ftit anqas minn tmien mitt ewro, ossia €402.44 (ċekk nru 128395) u €394.14 (ċekk nru 133856), huwa aktar verosimili illi fis-sena 2008 huwa pperċepixxa s-somma ta' madwar €18,000, kif indikat mill-abbli difensur tar-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tiegħu.*

*62. Għaldaqstant, il-Qorti ser tikkunsidra d-dħul ta' Louis Cassar fis-sena 2008, ossia s-sena ta' qabel ma ġara l-inċident, fl-ammont ta' €18,000.*

*63. Dwar konsiderazzjonijet fuq l-għoli tal-ħajja, jirriżulta illi fil-każ '***Stephen Cardona v. John Mary Fenech****' deċiża mill-Prim'Awla fid-9 ta' Frar 2012, kien ġie deċiż illi:*

> *«Il-Qorti qed takkorda wkoll żieda ta' €300 fis-sena, ir-relazzjoni mal-awment tal-paga għall-għoli tal-ħajja.»*

*64. Dina l-Qorti taqbel illi tali ammont ta' €300 fis-sena għandu jitqies ukoll għall-għoli tal-ħajja fil-każ odjern, kif del resto mitlub ukoll mir-rikorrent stess, stante illi hija riflessjoni raġonevoli taż-żidiet fl-għoli tal-ħajja.*

*• Multiplier*

*…*

*68. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, Louis Cassar kellu tnejn u tletin (32) sena meta miet u kellu life expectancy ta' ċirka 33 sena.*

*69. Jirriżulta wkoll illi, fis-sottomissjonijet tar-rikorrenti, il-multiplier minnhom pretiż huwa ta' 28 sena, ossia sakemm kien jagħlaq sittin sena (60).*

*70. Jirriżulta illi, tenut kont tax-xogħol ta' strapazz illi r-raġel tar-rikorrenti, Louis Cassar, kien jagħmel, huwa aktar verosimili illi 28 sena huwa perjodu ta' żmien kemm reali kif ukoll ġust li għandu jkun applikabbli, u għalhekk il-multiplier għandu jkun ta' 28-il sena.*

*• Kalkolu Finali*

*71. Ikkunsidrat dawk il-kalkoli u konsiderazzjonijiet kollha kif fuq magħmula, għandu jirriżulta s-segwenti:*

*a. L-introjtu ta' Louis Cassar kien jammonta għal madwar €18,000 fis-sena.*

*b. L-għoli tal-ħajja għandu jkun ta' €300 fis-sena.*

*c. Il-multiplier għandu jkun ta' 28 sena.*

*72. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ammont li għandu jkun kkunsidrat għal-lucrum cessans għandu jkun maħdum fuq il-medja tal-introjtu fis-sena 2009, ossia €18,000, u l-introjtu previst biż-żieda tal-għoli tal-ħajja wara tmienja u għoxrin sena, ossia fl-ammont ta' €26,400, liema medja hija ta' €22,200.*

*73. Jirriżulta illi l-ammont li għandu jiġi kkunsidrat huwa għalhekk ta' €616,000.*

*• Tnaqqis*

*…*

*76. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva illi l-Qorti ma hija ser takkorda ebda tnaqqis marbut mal-grad ta' dipendenza, in vista tal-fatt illi Louis Cassar kien il-"breadwinner" tal-familja, u lanqas ma hija ser takkorda ebda tnaqqis dwar konsum personali, in vista tal-età tenera tat-tifla Hayley, li tilfet lill-missierha fl-età ta' seba' snin.*

*77. Dwar tnaqqis in vista tal-ħlas f'daqqa, il-Qorti tosserva illi l-kawża odjerna ilha pendenti għal għaxar snin mid-data tal-inċident, illi seħħ fil-25 ta' April 2009, u għalhekk, bil-kalkolu ta' tnaqqis ta' 2% għall kull sena li ddum il-kawża oltre sentejn, it-tnaqqis għalhekk għandu jkun ta' 4% biss.*

*• Somma Dovuta*

*78. Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, is-somma kif likwidata bħala lucrum cessans hija: €22,200 x 28 (multiplier) = €616,000 x 100 % minħabba mewt = €616,000 naqqas 4% (lump sum payment ammontanti għal €24,640) = €591,360 (ħames mija u wieħed u disgħin elf, tliet mija u sittin ewro).»*

7. Il-kumpanija konvenuta appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fl-10 ta' Diċembru, 2019, bl-aggravji jkunu dawn: (i) li hija ma taħti xejn għall-inċident li seħħ fit-8 ta' April, 2019 u li wassal għall-mewt

ta' Louis Cassar; u (ii) li l-ammont tad-danni mġarrba mill-atturi nħadem mill-Ewwel Qorti fuq kejl ħażin.

8. L-atturi wieġbu għal dan l-appell fit-13 ta' Ottubru, 2023 u fir-risposta huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

9. Inżamm smigħ fid-29 ta' Frar, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Qabel tibda biex tqis l-aggravji tal-kumpanija appellanti, din il-Qorti tirrimarka li għalkemm l-atturi ġew notifikati bir-rikors tal-appell fl-14 ta' Settembru, 2023 (ara d-dahar ta' paġna 392 tal-atti tal-kawża), huma għażlu li jressqu t-tweġiba tal-appell tagħhom fit-13 ta' Ottubru, 2023, jiġifieri disgħa u għoxrin jum wara li laqgħu n-notifika tar-rikors tal-appell.

11. Skont l-**Artikolu 144(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, kif kien jaqra fiż-żmien li sar ir-rikors tal-appell u qabel ma daħal fis-seħħ l-**Att XXXII tal-2021**, l-atturi kellhom għoxrin jum żmien sabiex huma jwieġbu għall-appell tal-kumpanija appellanti. Bid-dħul fis-seħħ tal-**Att XXXII tal-2021**, iż-żmien għat-tweġiba tal-appell ġie mtawwal

minn għoxrin jum għal tletin jum. Madankollu, skont il-**paragrafu 13 tal-Att**, hawn fuq imsemmi, appelli li saru qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jibqgħu regolati bil-liġi kif kienet qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess Att.

12. Fil-każ tagħna, ir-rikors tal-appell tal-kumpanija konvenuta tressaq fl-10 ta' Diċembru, 2019, jiġifieri qabel daħal fis-seħħ l-**Att XXXII tal-2021**, u għalhekk iż-żmien applikabbli għat-tressiq ta' tweġiba tal-appell kien dak ta' għoxrin jum u mhux dak ta' tletin jum, bħal kif x'aktarx daħħluha f'rashom l-atturi. Dan il-perjodu ta' għoxrin jum għat-tweġiba tal-appell skada fl-4 ta' Ottubru, 2023, jiġifieri disat ijiem qabel l-atturi ressqu t-tweġiba tagħhom.

13. Huwa xieraq li jiġi mfakkar li t-termini legali huma ta' ordni pubbliku u għalhekk, ġaladarba l-atturi ressqu t-tweġiba tagħhom wara t-terminu perentorju ta' għoxrin jum li kien japplika f'dan il-każ, din il-Qorti mhijiex sejra tqis is-sottomissjonijiet magħmula fit-tweġiba tagħhom (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ***Paola Galea et v. John Cauchi et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2010, ***C. Fino & Sons Ltd et v Saviour Buttigieg nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010 u ***Bettina Vossberg pro et nomine v. Equinox International Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2012).

14. Madankollu, dan il-fatt waħdu ma jżommx lil din il-Qorti milli tistħarreġ bir-reqqa l-appell tal-kumpanija konvenuta. Wara kollox, in-nuqqas tal-atturi li jdaħħlu t-tweġiba tagħhom fiż-żmien li trid il-liġi m'għandux iwassal biex huma jitqiesu li qegħdin jaqblu mal-appell tal-kumpanija konvenuta (ara ***Carmen Taliana v. Rita Borg nomine*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-26 ta' Jannar, 2005, ***Regina Farrugia v. Baron Group Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020 u ***Emanuel Vella et v. Docklands Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2024).

15. Magħmula din il-parentesi, din il-Qorti serja tgħaddi mill-ewwel biex tqis l-aggravji tal-kumpanija konvenuta.

16. Fl-**ewwel aggravju** tagħha l-kumpanija konvenuta tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din sabitha responsabbli għall-inċident li wassal għall-mewt ta' Louis Cassar. Hija tisħaq li l-fatt waħdu li l-inċident kien fatali m'għandux ifisser li l-post tax-xogħol fejn Louis Cassar kien qiegħed jaħdem ma kienx sigur u wisq inqas li kienet in-nuqqas ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol li wasslet jew ikkontribwixxiet għall-inċident. Il-kumpanija konvenuta tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti ħallietha fid-dlam dwar x'setgħu kienu n-nuqqasijiet tagħha li wasslu għal dan l-inċident fatali.

17. Ittenni li minn qari tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, jidher ċar li din urtat ruħha, u forsi anke bir-raġun, bid-difiża mressqa mill-kumpanija konvenuta li Louis Cassar kien neħħa ħajtu b'idejh. Madankollu, hija ssostni li l-Ewwel Qorti naqset li tidentifika x'kienu n-nuqqasijiet tagħha li setgħu wasslu għall-inċident u li minħabba fihom hija nstabet responsabbli għall-mewt ta' Louis Cassar. Tissokta tgħid li għalkemm mix-xhieda tal-Maġġur Borg wieħed jista' jasal biex jifhem li l-vettura li fuqha tela' Louis Cassar, kienet ipparkjata eżatt max-xifer, u għalhekk kienet ipparkjata b'mod perikoluż, ir-ritratti li tressqu fl-atti juru li bejn il-vettura u x-xifer kien hemm wisa' ta' diversi piedi.

18. Il-kumpanija konvenuta tisħaq ukoll li għalkemm l-Ewwel Qorti kkonkludiet li hija naqset milli timplimenta l-miżuri msemmija fl-**Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**, mhuwiex ċar għal liema minn dawn il-miżuri kienet qiegħda tirreferi l-Ewwel Qorti u kif dan in-nuqqas seta' kellu xi effett fuq id-dinamika tal-inċident. Ittenni li l-Ewwel Qorti ma messhiex sabet dawn in-nuqqasijiet biss u waqfet hemm, iżda messha wkoll ikkunsidrat kif dawn in-nuqqasijiet setgħu wasslu biex ġara l-inċident inkwistjoni. Issostni li f'kull każ, hija ma kellhiex tinstab responsabbli għal xi nuqqas li ta lok għall-inċident minħabba: (i) li l-Kap tat-Taqsimiet Tekniċi fi ħdan l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kien investiga l-każ u ma rax li kellu jieħu xi proċeduri kontriha; u (ii) li fl-atti tal-inkjesta maġisterjali, il-Perit Robert

Musumeci ma kien sab ebda nuqqas li seta' wassal għall-inċident. Il-kumpanija konvenuta tagħlaq dan l-aggravju billi tgħid li l-unika konklużjoni li setgħet tasal għaliha l-Ewwel Qorti kienet li ma kien hemm ebda rabta bejn xi nuqqas li seta' kien hemm min-naħa tagħha u l-inċident traġiku li seħħ.

19. Din il-Qorti tibda billi tirrimarka li għalkemm fir-rikors tal-appell, il-kumpanija konvenuta tidher li sogħob biha għad-difiża li ressqet quddiem l-Ewwel Qorti biex tilqa' għat-talbiet tal-atturi – jiġifieri għad-difiża tagħha li Louis Cassar kien neħħa ħajtu b'idejh billi qabeż mill-għoli – aktar tard bħal donnu reġa' bdielha għaliex fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-Avukat tagħha, Franco Galea, reġa' saħaq fuq din id-difiża. Il-Qorti ma hija impressjonata xejn b'dan l-argument tal-Avukat Galea, li jistona mhux ftit ma' dak li tniżżel bil-miktub fir-rikors tal-appell, minbarra li huwa insensittiv għall-aħħar, meta wieħed iqis li Louis Cassar tilef ħajtu waqt li kien għaddej b'ħidmietu għall-kumpanija konvenuta. Fuq kollox, minn qari tal-atti tal-kawża ma tirriżulta lanqas l-iċken ħjiel ta' prova konkreta, li dak li seħħ fit-8 ta' April, 2019 kien għaliex Louis Cassar kellu xi problemi jew inkwiet li setgħu mbuttawh biex ineħħi ħajtu b'idejh.

20. Magħluqa din il-kwistjoni, din il-Qorti taqbel mal-kumpanija konvenuta li ma hemm ebda forma ta' *strict liability* jew responsabbiltà oġġettiva li tpoġġi lil min iħaddem f'qagħda li jkollu ta' bilfors jagħmel

tajjeb għall-korriment li jkun seħħ fuq il-post tax-xogħol. Fejn jidħlu inċidenti bħal dawn, meta persuna tkorri waqt il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbiltà ta' dak li ġara xorta taqa' fuq l-attur. Il-fatt waħdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xogħol, ma jfissirx li min iħaddem għandu bilfors iġorr ir-responsabbiltà għal dak li ġara, jew li l-persuna li korriet teħles mill-ħtieġa li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan peress li l-prinċipju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li kellhom jippruvaw l-atturi huwa li dak li seħħ kien konsegwenza ta' xi aġir jew xi nuqqas tal-kumpanija konvenuta u li dak li ġara ma kienx ir-riżultat ta' aġir jew nuqqas ta' Louis Cassar stess. Il-Qorti tagħraf ukoll li meta ħaddiem jitlef ħajtu waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu, ma jkollhiex il-verżjoni u x-xhieda tiegħu, u biex tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas ikollha tgħarbel b'aktar reqqa l-provi biex minnhom tislet kemm hu possibbli elementi rilevanti fuq dak li jkun ġara u x'seta' wassal għalih (ara ***Francis Buhagiar et v. Segretarju tal-Uffiċċju tal-President ta' Malta*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 2009, ***Catherine Micallef et v. Kevin Azzopardi et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru, 2022 u ***Victoria Vella nomine v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2023).

21. Madankollu, tajjeb jiġi enfasizzat li r-regola ġenerali f'dan il-qasam hi li min iħaddem irid jipprovdi sistema ta' xogħol sigura – *a safe system of work* – (ara l-**Artikolu 6(1) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-**

**Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**). Hemm grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem, tant li min-naħa tiegħu dan għandu jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward (ara ***George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2009). Fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem hemm: (i) il-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji u l-perikli marbuta max-xogħol; (ii) it-teħid mill-bidu tal-miżuri meħtieġa biex jitnaqqsu dawn ir-riskji sa fejn ikun raġonevolment prattiku; (iii) id-dmir tal-għoti tat-tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ; u (iv) is-superviżjoni tal-ħaddiema sabiex titħares is-saħħa u s-sigurtà tagħhom (ara l-**Artikolu 6(2)** u **(3)** tal-**Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol** u s-sentenzi fl-ismijiet ***George Baldacchino v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021 u ***Samuel Leone Ciantar v. Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023).

22. Min-naħa l-oħra, il-grad għoli ta' responsabbiltà ta' min iħaddem, ma jeħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq jew milli jikkopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (ara l-**Artikolu 7(1)** u **(2)** tal-**Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**). Hekk ukoll, il-ħaddiem għandu jżomm

lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tpoġġih f'riskju bla bżonn u jrid joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew għall-prekawzjonijiet li jkun fetaħlu għajnejh għalihom min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li ġarrab. Dan sewwasew għaliex l-attenzjoni meħtieġa minn min iħaddem hija dik ta' ġenitur tajjeb tal-familja u mhux ta' grad ogħla minn hekk. Għalhekk, jekk kemm-il darba min iħaddem ikun issodisfa l-obbligi kollha tiegħu, hawn fuq imsemmija, huwa ma jistax jinsab responsabbli għall-inċident li jkun seħħ fuq il-post tax-xogħol (ara ***Peter Ronald v. Polibon Construction Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2009 u ***Geoffrey Tanti v. Panta Contracting Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021).

23. Fil-każ tagħna, bil-maqlub ta' dak li tisħaq il-kumpanija konvenuta, l-Ewwel Qorti għarfet x'inhuma dawn l-obbligi ta' min iħaddem u waslet għall-konklużjoni t-tajba li l-kumpanija konvenuta jeħtiġilha terfa' r-responsabbiltà għall-inċident li wassal għall-mewt ta' Louis Cassar minħabba li hi naqset milli twettaq il-miżuri meħtieġa biex tissodisfa dawn l-obbligi.

24. Jista' jkun li l-Ewwel Qorti ma qagħditx tidentifika waħda waħda l-miżuri favur is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha, li l-kumpanija konvenuta naqset milli timplimenta. Madankollu, minn qari tas-sentenza

tagħha u mill-għarbiel tal-provi mwettaq minnha, huwa evidenti l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li kumpanija konvenuta kienet falliet sewwasew fl-obbligi kollha tagħha, li ġew aktar 'il fuq imsemmija.

25. Mir-rakkont ta' kif seħħ l-inċident, li ngħata kemm minn Joe Camilleri u Joseph Aquilina (li dakinhar tal-inċident kienu jinsabu fuq il-post tax-xogħol flimkien mal-vittma Louis Cassar), u kif ukoll minn mart Louis Cassar, li semgħet il-verżjoni ta' żewġha, waqt li kien fuq is-sodda tal-mewt, jirriżulta li aktar kmieni dakinhar tal-inċident, Joe Camilleri kien uża t-trakk tat-tħaffir tat-tip *Hymac* sabiex jgħabbi l-blat u l-materjal għal ġewwa trakk ieħor. Aktar tard, huwa pparkja l-*Hymac* max-xifer tal-barriera, tfieh mis-swiċċ prinċipali tiegħu u niżel minnu sabiex jibda juża l-gaffa. Kif spjega Joseph Aquilina, bil-mod ta' kif kien ipparkjat il-*Hymac*, dan kien qiegħed itellifhom milli jimmanuvraw it-trakkijiet u għalhekk Louis Cassar niżel mit-trakk fejn kien u mar biex iċaqalqu min-nofs sabiex ikunu jistgħu jaħdmu aħjar. Ġara iżda li għalkemm Louis Cassar daħal fil-*Hymac* min-naħa ta' ġewwa tal-barriera u mhux min-naħa tax-xifer, huwa kellu jaqsam għal fuq in-naħa l-oħra tal-*Hymac*, jiġifieri fuq in-naħa tax-xifer, u jixxabbat mal-katina tiegħu biex jixgħel is-swiċċ prinċipali, minħabba li kien intefa minn Joe Camilleri aktar kmieni. Kien hemmhekk, li Louis Cassar ittarraf max-xifer tal-barriera, ħarbitlu sieqi u waqa' madwar erba' sulari fond fuq it-tifrik tal-ġebel.

26. Issa għalkemm il-kumpanija konvenuta tisħaq li hija nħelset mir-responsabbiltà għal dan l-inċident, kemm mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u kif ukoll mill-Inkjesta Maġisterjali li nfetħet dakinhar li seħħ inċident, dawn il-konklużjonijiet ma jorbtu bl-ebda mod lill-Qrati Ċivili milli jiddeċiedu l-mertu tal-każ li jkollhom quddiemhom mill-ġabra tal-provi mressqa mill-partjiet fil-kawża skont il-prinċipju *iuxta allegata et probata i.e.* kif allegat u ppruvat (ara ***Crocifissa sive Christine Abela pro et noe v. Valletta Gateway Terminals Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2022).

27. Lil hemm ta' dak li setgħet qalet l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u ta' dak li qal il-Perit Robert Musumeci waqt l-Inkjesta Maġisterjali, din il-Qorti taqbel bi sħiħ mal-Ewwel Qorti, li ma hemm ebda dubju li f'dan il-każ, il-kumpanija konvenuta naqset fl-obbligi tagħha li timplimenta l-miżuri ta' saħħa u sigurtà kif meħtieġ fl-**Artikolu 6(2)** u **(3)** tal-**Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**.

28. Kemm hu hekk, mill-provi rriżulta: (i) li għalkemm il-kumpanija konvenuta kienet timpjega *health and safety engineer* fuq bażi *part-time*, dan kien ilu ma jżur il-barriera fejn seħħ l-inċident sa minn Diċembru tas-sena 2007, jiġifieri madwar sena u nofs qabel seħħ l-inċident; (ii) li dan il-*health and safety engineer* kien stqarr mal-perit maħtur fl-Inkjesta

Maġisterjali, li l-operat fil-barriera ma kienx mija fil-mija skont ir-*risk assessment* imħejji minnu u li kien hemm xi punti li ma kinux ġew imwettqa; (iii) li għalkemm skont Paul Polidano kien hemm id-drawwa li fix-xifer tal-barriera jitħalla wisa' ta' tliet piedi terrapien f'forma ta' trijangolu biex jiġi identifikat ix-xifer, mir-ritratti mressqa fl-atti tal-kawża jidher li dan il-munzell terrapien kien għoli biss ftit pulzieri u żgur ma kienx sejjer iżomm persuna milli taqa' għal isfel jekk din titfixkel f'saqajha, bħalma ġara f'dan il-każ; (iv) li dakinhar tal-inċident, il-*Hymac* kien ipparkjat eżatt max-xifer u ma kienx hemm xi forma ta' indikazzjoni biex wieħed jara x-xifer u lanqas kien hemm ilqugħ (ara x-xhieda tal-Maġġur Joseph Borg, li mar fuq il-post dakinhar tal-inċident, f'paġni 312 sa 316 tal-atti tal-kawża); (v) li dakinhar tal-inċident il-*Hymac* kien ipparkjat b'tali mod li dan seta' jinxtegħel biss min-naħa li tagħti għal fuq ix-xifer tal-barriera; (vi) li l-ħaddiema li kienu jaħdmu fil-barriera ma kienx ikollhom superviżjoni; (vii) li l-ħaddiema tal-barriera ma kinux jingħataw taħriġ dwar xogħlhom; (viii) li għalkemm il-kumpanija konvenuta kienet provdiet elmu tas-sigurtà lill-ħaddiema tagħha, hija ma kinitx tinsisti magħhom biex jilbsuh; u (ix) li l-ħaddiema ma kinux jilbsu l-elmu tas-sigurtà fil-barriera minħabba li dan ma kienx jintrabat minn taħt il-geddum u b'hekk, anke kieku stess, tali elmu ma kienx adattat għal waqgħat mill-għoli.

29. Terġa' u tgħid, għalkemm il-*health and safety engineer* kien semma mal-perit maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali, li huwa kien ħejja xi *risk*

*assessment* dwar l-operat tal-barriera, fl-atti ta' din il-kawża ma tressqu ebda provi li juru li l-kumpanija konvenuta ħadet miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji sa minn qabel ma beda x-xogħol fil-barriera inkwistjoni u wisq inqas ħadet xi miżuri sabiex jitnaqqsu r-riskji. Kemm hu hekk, ma tressqet ebda prova li dan ir-*risk assessment* kien tassew tħejja.

30. Il-kumpanija konvenuta naqset ukoll milli tipprovdi t-tagħrif u t-taħriġ meħtieġ lill-ħaddiema tagħha sabiex dawn jaħdmu b'mod u manjiera li ma jpoġġux lilhom infushom u lil sħabhom fil-periklu. Li kieku ngħata dan it-taħriġ, Joe Camilleri kien ikun konxju tal-fatt li huwa kien sejjer ipoġġi lil sħabu fil-periklu, jekk jipparkja l-*Hymac* eżatt max-xifer tal-barriera – ħaġa li għalkemm tinstema' mill-aktar loġika, jidher li ma kinitx daqstant ovvja għall-ħaddiema li jaħdmu fil-barriera għaliex kienet issir ta' spiss.

31. Minbarra dan, huwa ċar ukoll li l-kumpanija konvenuta naqset milli twettaq superviżjoni xierqa sabiex tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha. Superviżjoni ma tfissirx biss li tagħti struzzjonijiet lill-ħaddiem ta' kif għandu jsir ix-xogħol jew li tiżgura li x-xogħol ikun qiegħed isir tajjeb – ħaġa li f'dan il-każ jidher li kienet nieqsa wkoll – iżda tfisser ukoll li tiżgura li ħadd mill-ħaddiema ma jitħalla jagħmel xi għemil jew ġest imprudenti, b'tali mod li jpoġġi lilu nnifsu jew ħajjet sħabu fil-periklu (ara ***Anthony Vidal et v. Neil Macklin et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-30

ta' Ottubru, 2015).

32. Għalkemm mill-provi jirriżulta li Louis Cassar kien ħaddiem bil-għaqal, ta' ħila u ta' esperjenza u li dakinhar tal-inċident huwa ma poġġiex lilu nnifsu f'periklu bla bżonn, meta min iħaddem ikun qiegħed jippjana x-xogħol huwa jrid jieħu qies ukoll tal-fatt li xi kultant il-ħaddiema jillaxkaw l-attenzjoni tagħhom u jsiru traskurati minħabba numru ta' fatturi fosthom: (i) xogħol ta' rutina; (ii) l-atmosfera li jkunu qegħdin iwettqu x-xogħol tagħhom fiha; (iii) id-diffikultajiet li jistgħu jsibu l-ħaddiema ma' wiċċhom fil-kors tax-xogħol tagħhom; (iv) il-ħinijiet twal; (v) l-għaġġla fix-xogħol; u (vi) nuqqasijiet ta' ħaddiema oħra. Għalhekk fuq il-post tax-xogħol hija meħtieġa superviżjoni adegwata bil-għan li l-ambjent tax-xogħol ikun wieħed imbiegħed mill-perikli biex b'hekk jiġu evitati l-inċidenti (ara ***Frankie sive Francis Caruana v. Polidano Brothers Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ottubru, 2020 u ***Raymond Zarb v. Industrial Projects Services Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021). Fil-każ tagħna, din is-superviżjoni kienet għalkollox nieqsa fil-barriera fejn kien qiegħed jaħdem u waqa' mill-għoli Louis Cassar.

33. Din is-superviżjoni kienet ukoll meħtieġa biex jiġi żgurat li l-ħaddiema tal-barriera kienu qegħdin jilbsu u jużaw b'mod effettiv it-tagħmir protettiv li pprovditilhom il-kumpanija konvenuta. Fil-każ tagħna

t-tmexxija tal-kumpanija konvenuta naqset fl-obbligi tagħha, meta ma kinitx tinsisti li dan it-tagħmir jintlibes u kienet għalhekk tħalli lill-ħaddiema tagħha jaħdmu mingħajru. Għalkemm irid jingħad li din il-Qorti ma hija konvinta xejn li l-elmu provdut lil Louis Cassar mill-kumpanija konvenuta kien sejjer jipproteġih għal waqa' mill-għoli, li kieku dan libsu, meta wieħed iqis li dan ma kienx jintrabat minn taħt il-geddum.

34. Tassew, l-obbligu ta' min iħaddem imur lil hemm mis-sempliċi provvista ta' tagħmir u ilbies protettiv. Min iħaddem għandu d-dover li jesiġi u jara li jintlibes it-tagħmir protettiv u saħansitra jiddixxiplina lil min ma jilbsux. Dan sewwasew għaliex fl-aħħar mill-aħħar inċident fuq ix-xogħol jinteressa mhux biss lil min iħaddem u lill-ħaddiem li jweġġa' imma, għal diversi raġunijiet, jinteressa wkoll lis-soċjetà kollha (ara ***Francis Aquilina v. Louis Cassar pro et noe*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Frar, 2001 u ***Neville Desira et pro et noe v. Grech & Co. Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Diċembru, 2005).

35. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-fehma li l-kumpanija konvenuta falliet b'mod sistematiku fl-obbligu tagħha li żżomm f'kull waqt sistema tajba ta' ħarsien tal-ħaddiema li kienu jaħdmu magħha waqt xogħlhom, u b'mod partikolari ta' Louis Cassar. Huwa minn hawn li tirriżulta r-rabta bejn in-nuqqasijiet tal-kumpanija konvenuta li twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi u l-inċident li

seħħ (ara ***Anthony Joseph Galea v. Vassallo Builders Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022). Tassew, il-kumpanija konvenuta bl-ebda mod ma wriet li Louis Cassar ġab b'idejh il-ħsara li ġarrab, jew li huwa għandu jaqsam magħha xi parti mill-ħtija għal dak li ġara. Għaldaqstant, il-kumpanija konvenuta trid terfa' r-responsabbiltà kollha għal dak li għadda minnu Louis Cassar u l-atturi warajh.

36. B'hekk dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

37. It-**tieni aggravju** tal-kumpanija konvenuta huwa dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti waslet għall-ammont ta' danni li ġie likwidat minnha f'*lucrum cessans*. Dan l-ilment huwa maqsum f'ħames biċċiet.

38. Fl-ewwel lok, il-kumpanija konvenuta tisħaq li danni f'telf ta' qligħ futur ma kellux jinħadem fuq paga ta' madwar €18,000 fis-sena, iżda kellu jinħadem biss fuq il-paga ta' madwar €8,056 fis-sena, li Louis Cassar kien jiddikjara bħala dħul u li tirriżulta mill-FS3s li ġew imressqa fl-atti. Ittenni li l-Ewwel Qorti ma messhiex ħadmet l-ammont ta' danni li waslet għalih fuq tliet *payslips* li mhumiex ittimbrati, li ma ħarġux b'manjiera regolari u li lanqas tħallset it-taxxa fuqhom. B'mod sussidjarju, hija targumenta li fl-agħar ipotesi, l-Ewwel Qorti messha ħadmet l-ammont ta' danni fuq il-paga ta' €8,056 miżjuda b'ħamsin fil-mija (50%) minħabba l-possibbiltà li

kellu Louis Cassar li jaħdem bis-sahra.

39. Din il-Qorti tqis li skont l-FS3 li tinsab f'paġna 209 tal-atti tal-kawża, il-qligħ iddikjarat minn Louis Cassar fis-sena 2008, jiġifieri fis-sena ta' qabel ma miet, kien dak ta' €8,234.80. Madankollu, waqt is-smigħ tal-provi rriżulta li Louis Cassar irċieva paga ferm ikbar minn dik matul l-istess sena. Kemm hu hekk, waqt is-smigħ tal-kawża ħareġ li lil Louis Cassar kienu qegħdin jinħarġulu żewġ pagi fix-xahar: (i) waħda bl-intestatura ta' Polidano Group li kienet qiegħda tiġi ddikjarata lill-erarju pubbliku u li minnha kienet qiegħda titħallas is-sigurtà soċjali (ara paġni 302 sa 304 tal-atti tal-kawża); u (ii) oħra għalkollox identika iżda mingħajr l-intestatura ta' Polidano Group, li ma jidhirx li kienet qiegħda tiġi dikjarata lill-awtoritajiet fiskali u lanqas kienet qiegħda titħallas is-sigurtà soċjali minnha (ara paġni 305 sa 307 tal-atti tal-kawża).

40. Waqt il-kontroeżami tiegħu (ara paġni 358 sa 360 tal-atti tal-kawża), Paul Polidano, li jiġi d-direttur tal-kumpanija konvenuta, għamel tabirruħu li ma kienx jaf iwieġeb dwar il-pagi li ħarġu fuq Louis Cassar mingħajr l-intestatura ta' Polidano Group; għalkemm huwa ammetta li n-numru 11119, li hemm imniżżel fuq dawn il-pagi, x'aktarx kien dak tal-impjegat. Dan in-numru huwa l-istess wieħed li hemm imniżżel fuq il-pagi li ħarġu fuq Louis Cassar bl-intestatura ta' Polidano Group u għalhekk huwa evidenti li l-kumpanija konvenuta kienet toħroġ żewġ pagi fix-xahar

fuq Louis Cassar, waħda fejn kien jiġi ddikjarat id-dħul lill-awtoritajiet fiskali u oħra fejn ma kien jiġi ddikjarat xejn. Madankollu, waqt ix-xhieda tiegħu, Paul Polidano baqa' jinsisti li huwa ma jafx iwieġeb għal din is-sistema ta' żewġ pagi. Mingħajr ebda tlaqliq, din il-Qorti tikkunsidra x-xhieda ta' Paul Polidano bħala waħda evażiva għall-aħħar, fejn jidher li dan kien qiegħed jipprova jgħatti xturu għax kellu x'jaħbi.

41. Hu x'inhu l-każ, bil-kontra ta' dak li rraġunat l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax tħalli xi ħaġa bħal din tibqa' għaddejja minn taħt għajnejha daqslikieku ma kien xejn u għalhekk sejra tipprovdi dwarha fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza.

42. Aktar minn hekk, għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-atturi, din il-Qorti mhijiex lesta li tqis dħul li Louis Cassar ma kienx lest li jiddikjara u jħallas it-taxxa dwaru (ara ***Vincent Debrincat et v. Mary Rose mart Joseph Vella e***t maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu, 1992 u ***George Cardona et v. Ferdinandu sive Randu Zammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2009).

43. Tassew, min jidħol f'avventura bil-ħsieb li jqarraq bil-liġi m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li jekk l-avventura tmurlu ħażin ikun jista' jinqeda bil-liġi biex jieħu lura dak li tilef. Il-biża' li jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi huwa disinċentiv b'saħħtu għal min jiġih il-ħsieb li jqarraq u m'għandhiex

tkun il-liġi stess li tneħħi dan id-disinċentiv għal min ikun irid iqarraq biha (ara ***Melita Insurance Brokers Limited v. Joseph Fenech et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ottubru, 1997 u ***Mediterranean Trading Shipping Company Limited et v. Tristar Freight Services Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2018).

44. Kif tajjeb poġġietha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Tonio Fenech et noe v. L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et***, li ġiet deċiża fil-15 ta' Novembru, 2023:

> *«Issir fejn issir, l-evażjoni fiskali hija dejjem inaċċettabli, bi ħsara għall-interess ġenerali u għalhekk kontra l-ordni pubbliku u l-għemil xieraq. Aktar u aktar huwa kontra l-ordni pubbliku u kull għemil xieraq, il-ħasil ta' flus li huma ġejjin minn evażjoni fiskali ... Għalkemm veru li mhuwiex xogħol dawn il-Qrati li jagħmlu dak li jagħmlu l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, tibqa' xorta waħda r-responsabbiltà ta' dawn il-Qrati li jassiguraw li kull min, intenzjonalment, jevadi t-taxxa u jirrikorri għal strutturi finanzjarji bil-għan li jipprova jagħti bixra aktar legali lil flusu, m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li meta jfiġġ il-maltemp, ser isib l-għajnuna tal-Qrati u tal-Liġi. Il-biża' li wieħed jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi għandha tgħin biex disswadi lin-nies in ġenerali li jwettqu negozju bil-ħsieb li jevadu t-taxxa, u għalhekk m'għandhiex tkun il-liġi stess jew inkella din il-Qorti, li b'sens ta' ħniena tneħħi dan id- disinċentiv (Ara b'eżempju* ***George Seychell v. Spring Valley Co. Limited****, deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 2018, u l-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija).»*

45. Din il-Qorti ma tista' tqis l-ebda forma ta' qligħ futur, li ma kienx ħa jiġi ddikjarat mal-awtoritajiet fiskali għaliex inkella l-Qorti stess tkun qiegħda tagħti l-barka tagħha biex it-taxxa ma tiġix iddikjarata. Ħaġa li m'għandhiex tkun għaliex il-Qrati tal-Ġustizzja qegħdin hemm biex jiżguraw li l-liġijiet jiġu obduti u mhux biex dawn il-liġijiet jiġu miksura. Jiġi

b'hekk, li din il-Qorti mhijiex lesta taħdem il-likwidazzjoni tad-danni fuq qligħ illeċitu li ma ġiex iddikjarat mal-awtoritajiet fiskali għaliex hija mhijiex lesta li tkun kompliċi f'evażjoni tat-taxxa. L-atturi ma jistgħux għalhekk serjament u legalment jippretendu li din il-Qorti taħdem it-telf ta' qligħ fuq id-dħul li Louis Cassar ma kienx jiddikjara mal-awtoritajiet fiskali. La Louis Cassar għoġbu jaħbi parti mid-dħul tiegħu, allura din il-parti tad-dħul tiegħu għandha tibqa' moħbija u mistura wkoll fil-likwidazzjoni tal-kumpens dovuta lill-werrieta tiegħu. Din il-parti tat-tieni aggravju sejra għalhekk tintlaqa', u din il-Qorti sejra, għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-atturi, tqis biss il-paga ta' €8,234.80, li Louis Cassar iddikjara mal-awtoritajiet fis-sena 2008.

46. Fit-<u>tieni lok</u>, il-kumpanija konvenuta ssostni li l-Ewwel Qorti ma messhiex ħadmet l-ammont ta' danni likwidat minnha fuq il-paga li kellu Louis Cassar miżjuda bir-rata ta' €300 għal kull sena ta' *multiplier*, għaliex l-għoli tal-ħajja fl-aħħar snin kienet ferm inqas minn hekk. Tissokta tgħid li ż-żieda fl-għoli tal-ħajja li kellha tiġi riflessa fl-ammont ta' danni likwidat, kellha tinħadem skont l-indiċi ta' inflazzjoni kif misjub fl-**Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll ta' Djar**. Skontha, kieku l-kalkolu tal-għoli tal-ħajja sar b'dan il-mod, iż-żieda li kellha titqies ma kinitx dik ta' €300 fis-sena iżda dik ta' €105 fis-sena.

47. Din il-Qorti tqis li huwa magħruf li minn żmien għal żmien il-pagi

jogħlew bir-riżultat tal-inflazzjoni (ara ***Leslie Caruana v. Brian Cauchi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008). Kemm hu hekk, insibu lista sħiħa ta' sentenzi fejn il-Qorti tal-Appell ħadet qies tal-għoli tal-ħajja fil-komputazzjoni ta' telf ta' qligħ futur (ara ***Noel Falzon v. Dexter Bianco*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020, ***Susanne Sammut pro et noe v. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u ***Samuel Leone Ciantar v. Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023).

48. Il-Qorti rat l-iskeda li tinsab mal-**Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll ta' Djar** għall-finijiet tal-**Artikolu 13(1)** tal-istess **Ordinanza**, liema skeda telenka l-indiċi tal-inflazzjoni għal kull sena, u wara li qieset ir-rati tal-inflazzjoni mis-snin 2009 (is-sena li fiha seħħ l-inċident) sas-sena 2023, ikkalkulat li fuq dan il-perjodu ta' żmien ir-rata ta' inflazzjoni żdiedet b'31.25%.

49. Issa meta wieħed iħaddem din ir-rata fuq il-paga li kellu Louis Cassar fl-2008, jiġifieri fuq il-paga ta' €8,234.80, dan infisser li fl-2023 il-paga ta' Louis Cassar kienet ser titla' għal €10,808.18. B'hekk, il-paga ta' Louis Cassar kienet sejra tiżdied b'medja ta' €183.81 kull sena u mhux bi €300 fis-sena li qieset l-Ewwel Qorti.

50. Żieda b'din il-medja fuq perjodu ta' 28 sena, li huwa l-*multiplier* li wżat l-Ewwel Qorti, twassal għal paga ta' €13,381.48. Il-medja ta' bejn iż-żewġ pagi ta' €8,234.80 u €13,381.48 tiġi €10,808.14. Għalhekk, din il-parti tat-tieni aggravju sejra tintlaqa' wkoll u din il-Qorti sejra taħdem id-danni mġarrba mill-atturi fuq il-paga medja ta' €10,808.14.

51. Fit-tielet lok, il-kumpanija konvenuta tilmenta mill-*multiplier* ta' 28 sena li wżat l-Ewwel Qorti biex waslet għas-somma likwidata minnha u tgħid li minflok kien ikun aktar xieraq li jitqies *multiplier* ta' 25 sena.

52. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** maqtugħa fis-16 ta' Diċembru, 2019, għalkemm fil-kejl tal-*multiplier* għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġjat fil-mument li seħħ l-inċident, normalment f'każijiet bħal dawn, m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident, għaliex il-*multiplier* irid jinkorpora ġo fih dak l-element ta' *«chances and changes of life or vicissitudes of life.»*

53. Il-kunċett ta' *«chances and changes of life»*, ġie mdaħħal biex jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Kien għalhekk li l-*working life expectancy* ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-*multiplier* (ara ***Francis Gauci***

***v. Jimmy Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2009).

54. Hekk kif ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et*** mogħtija fl-24 ta' Ġunju, 2016, mhux il-każ li wieħed iħaddem il-kriterju tal-*multiplier* bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa qasam fejn għandha treġi l-moderazzjoni bejn il-jeddijiet tal-parti mġarrba u l-obbligi tal-parti li tkun ħolqot il-ħsara (ara ***Rosaria Pintley nomine v. Noel Sciortino et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u ***Trevor Grech v. Lawrence Agius*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).

55. Sewwasew, għalkemm fil-każ tagħna, l-età tal-irtirar ta' Louis Cassar, li miet fl-età ta' 32 sena, kienet dik ta' 65 sena (ara t-tifsira ta' *«età tal-pensjoni»* fl-**Artikolu 2(1) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali**), u għalhekk huwa kien għad fadallu jaħdem 33 sena ta' xogħol qabel jiritira, fil-kalkolu tad-danni l-Ewwel Qorti qieset *multiplier* ta' 28 sena minħabba x-xogħol ta' strapazz li kien jagħmel Louis Cassar. Min-naħa l-oħra, il-kumpanija konvenuta tgħid li l-*multiplier* kellu jkun ta' 25 sena.

56. Din il-Qorti wara li ħadet kont tal-prinċipji mnissla mill-ġurisprudenza fuq imsemmija, temmen li l-*multiplier* ta' 28 sena, kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti huwa wieħed ġust u xieraq fiċ-ċirkostanzi ta' dan

il-każ. Huwa minnu li x-xogħol f'barriera huwa wieħed ta' strapazz u allura huwa ferm dubjuż kemm il-mejjet Louis Cassar seta' jiflaħ jaħdem fil-barriera għal 28 sena sħaħ. Madankollu, Louis Cassar ma kellu ebda obbligu li jiddedika l-ħajja lavorattiva tiegħu unikament għal xogħol fil-barriera u dan seta', meta ried, jitlaq minn hemm u jsib xogħol ta' inqas strapazz b'paga, bejn wieħed u ieħor simili għal li kien ħa jkollu (ara ***Nazzareno Zammit pro et noe v. Joseph Zahra et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2009). Wara kollox, fir-rikors tal-appell tagħha l-kumpanija konvenuta ma fissritx għalfejn il-*multiplier* kif imħaddan mill-Ewwel Qorti għandu jonqos għal 25.

57. Għalhekk, dan il-parti tal-aggravju qiegħed jiġi miċħud sa fejn jolqot il-*multiplier* użat mill-Ewwel Qorti fil-kalkolu tad-danni.

58. Ir-raba' ilment tal-kumpanija konvenuta huwa marbut mat-tnaqqis bir-rata ta' 4% li ħaddmet l-Ewwel Qorti bħala *lump sum reduction* minħabba d-dewmien tal-kawża. Il-kumpanija konvenuta tisħaq li hija ma kinitx responsabbli għal kemm damet il-kawża u li b'hekk hija m'għandhiex tbati konsegwenzi għal dan id-dewmien. Hija tgħid li f'kull każ, it-tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-ħlas f'daqqa ma kellux ikun inqas minn 16%.

59. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li s-soltu jkun hemm

tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum biex tiġi deċiża (ara ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Camille Borg Canalis v. Joseph Borg*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008 u ***Emanuel Galea v. Pierre Scicluna*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2007).

60. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan ir-rigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li t-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005 u ***Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).

61. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara ***Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, ***Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, ***L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar, 2009 u ***Lawrence Caruana v. Anthony Falzon*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).

62. Meta l-Qorti tqis li din is-sentenza finali qiegħda tingħata tlettax-il sena wara li nbdew dawn il-proċeduri, din il-Qorti ma tarax li għandha tbiddel it-tnaqqis bir-rata ta' 4% li ħaddmet l-Ewwel Qorti. Anzi, ladarba għadda daqstant żmien minn meta nfetħet il-kawża, din il-Qorti jidhrilha li m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis mis-somma likwidata mill-Ewwel Qorti. Madankollu, l-atturi ma ressqux appell inċidentali mil-likwidazzjoni tad-danni mġarrba minnhom u b'hekk din il-Qorti mhijiex sejra tbiddel it-tnaqqis ta' 4% imħaddem mill-Ewwel Qorti minħabba l-ħlas f'daqqa. Fuq kollox, il-Qorti ma taqbilx mal-kumpanija konvenuta li hija ma taħti xejn għad-dewmien tal-kawża, għaliex il-kumpanija konvenuta damet sewwasew erba' snin biex ressqet il-provi tagħha meta mqabbla mas-sena li damu l-atturi biex għalqu l-provi tagħhom.

63. Għalhekk, l-ilment imressaq f'din il-parti tat-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

64. Il-ħames u l-aħħar ilment li tressaq il-kumpanija konvenuta dwar il-likwidazzjoni tad-danni hija li l-Ewwel Qorti ma applikat ebda tnaqqis minħabba l-konsum personali tal-mejjet, Louis Cassar. Targumenta li kieku Louis Cassar ma mietx, id-dħul tiegħu mill-paga ma kienx sejjer imur kollu kemm hu f'idejn martu u bintu, iżda parti minnu kien jintefaq f'ikel, xorb u ħwejjeġ personali għalih innifsu. Hija tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Turner et v. Francis Agius et***, li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2003 u tisħaq li għall-istess raġunijiet mogħtija f'dik is-sentenza, għandu jsir tnaqqis ulterjuri ta' 25% mill-ammont ta' danni li ġie likwidat.

65. Din il-Qorti tqis li kienu diversi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell li mxew fuq l-eżempju tas-sentenza msemmija mill-kumpanija konvenuta fir-rikors tal-appell tagħha (ara fost l-oħrajn ***Francesco Sultana et v. Francis Xavier Grech et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Lulju, 2007, ***Laura Formosa et v. Emanten Spiteri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2018 u ***Crocifissa sive Christine Abela v. Valletta Gateway Terminal Limited et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2022). Ir-raġunament wara dawn is-sentenzi huwa li jekk il-vittma kien sejjer ikollha s-somma likwidata mill-Qorti f'idejha, parti minn din is-

somma żgur kienet sejra tiġi minfuqa għall-ħtiġijiet personali tagħha, u għalhekk ikun xieraq u realistiku li wieħed inaqqas 25% mis-somma likwidata mill-Qorti minħabba l-konsum personali tal-vittma.

66. Din il-Qorti taqbel mar-rassenja ta' sentenzi li ħaddnu dan it-tnaqqis u għalhekk qiegħda tilqa' din il-parti tat-tieni aggravju.

67. B'hekk, meqjus dan kollu, il-Qorti sejra taħdem l-ammont ta' danni mġarrba mill-atturi billi timmultiplika l-paga medja ta' €10,808.14 bi 28 sena. Dan iwassal għat-total ta' €302,627.92. Fuq din is-somma qiegħed jiġi applikat tnaqqis ta' 25% għall-konsum personali u tnaqqis ulterjuri ta' 4% minħabba l-*lump sum reduction*. Dan iwassal għas-somma finali ta' €217,892.10, li għandha titħallas mill-kumpanija konvenuta lill-atturi. Għalhekk, din il-Qorti qiegħda tnaqqas l-ammont ta' danni likwidat mill-Ewwel Qorti minn €591,360 għal €217,892.10.

68. Il-Qorti tagħlaq billi tosserva li ma sarx aggravju speċifiku dwar minn meta għandu jitlaq l-imgħax fuq din is-somma. Għalhekk l-imgħax fuq din is-somma għandu jitlaq mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'**

f'parti minnu l-appell ta' Polidano Brothers Limited u b'hekk qiegħda tbiddel is-sentenza appellata billi tnaqqas l-ammont ta' danni li hi għandha tħallas lill-atturi Roberta Cassar u Hayley Cassar minn €591,360 għal wieħed ta' €217,892.10. L-imgħax fuq din is-somma ta' €217,892.10, għandu jibda miexi mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

L-ispejjeż marbuta mas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Novembru, 2019, għandhom jibqgħu kif deċiżi f'dik is-sentenza, filwaqt li l-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn Polidano Brothers Limited min-naħa l-waħda u l-atturi Roberta Cassar u Hayley Cassar min-naħa l-oħra.

Fl-aħħar nett, din il-Qorti qiegħda **tordna** notifika ta' din is-sentenza, bi spejjeż għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jieħu kwalunkwe azzjoni li jidhirlu meħtieġa dwar is-sistema ta' ħruġ ta' żewġ pagi, imħaddma minn Polidano Brothers Limited, u kif ukoll dwar id-dħul mhux dikjarat ta' Louis Cassar.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm